MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 970/1999/1

**Carmel Sammut**

**vs**

**George Pace**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ erbgha mija u sebgha u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm447.32c0) dovuta ghall-xoghol u materjal ta’ kostruzzjoni ta‘ opramorta, tromba u xoghol iehor fil-parapett li sar u gie fornit b’inkarigu tal-konvenut fil-post li kellu f’Pembroke.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandati numri 1329/99 u 1330/99 u bl-imghax legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Pace (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba ta' l-attur hija preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess kif ser jirrizulta mill-provi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent m'ghandux l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din id-decizjoni hi ristretta ghall-eccezzjoni sollevata in rigward l-estinzjoni tal-azzjoni in esami a basi tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili li jispecifika illi l-azzjonijiet ta' "bennejja ……. u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu" huma preskritti ossija estinti bl-gheluq ta' <u>tmintax-il xahar</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi prodotti u in konnessjoni mal-istess eccezzjoni, il-partijiet involuti qed jsostnu kif ser jinghad:-

a) <u>L-attur</u> meta xehed a fol 10 u a fol 15 tal-atti b'referenza ghad-dokumenti esebiti minnu a fol 12 u a fol 13 tal-istess atti, spjega li l-kont a fol 13 jirreferi ghall-ammont pretiz minnu fl-istess avviz. Dan il-kont hu datat <u>22 ta' Dicembru 1993</u>. Fil-perjodu bejn din id-data l-attur jsostni li "kont tkellimt diversi drabi mal-konvenut in rigward pagament izda ghal xejn" b' "L-ahhar darba …. madwar tmien xhur ilu" cjoe mid-data ta' meta xehed ghall-ewwel darba ossija mis-27 ta' Gunju 2000. F'din l-

ahhar okkazjoni li sehhet f'"restaurant" f'Bugibba fil-perjodu tal-Milied tal-1998 il-konvenut kien qal lill-attur "iva nigi narak" (ara ukoll fol 15 u 16 tal-atti dwar inkontru iehor precedenti, bejn il-partijiet involuti, f'San Gwann kif ukoll ix-xhieda tat-tifel tal-attur, Norman Sammut a fol 17 u 18 ibid).

b) L-Avukat tal-Attur (fol 21 et seq ibid) xehed illi l-konvenut kien cempillu wara li kien baghatlu ittra dwar l-istess ammont pretiz fl-avviz. Wara din it-telefonata, l-istess Avukat kien baghatlu fotokopja tal-kont relattiv fuq talba tal-konvenut (ara fol 24 u 25 ibid) akkompanjat b'ittra ohra li ggib id-data tas-16 ta' Lulju 1999.

c) Mal-atti a fol 30 tinsab annessa kopja ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1329/99 u ppresentat fil-15 ta' Gunju 1999.

d) Da parti tal-konvenut, dan, meta ingunt ghas-subizzjoni sostna li ma kellu jaghti xejn lill-attur "sa fejn naf jien" (ara fol 9 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess u mill-valutazzjoni u apprezzament tal-provi prodotti, il-Qorti hi konvinta li f'diversi okkazzjonijiet il-konvenut irrikonoxxa id-debitu tieghu dovut lill-attur bl-ahhar okkazzjoni vicin il-Milied tal-1998. In rigward dan il-punt ta' minn isemmi it-telefonata li saret mill-konvenut lill-Avukat tal-istess attur kif hemm fuq sintetizzat. (ara l-artikolu 2133 tal-Kodici Civili).

Illi, fid-dawl ta' dan, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ma tistax tigi akkolta, tenut kont ukoll li f'dan il-kaz jista' jkun applikabbli dak stipulat fl-artikolu 2108(2) u 2109 tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-attur u tordna l-prosegwiment ta' din il-kawza, bl-ispejjes riservati.

---------------------------------TMIEM---------------------------------